Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ĦAMSA U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 21 ta' Lulju 2010

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-7.10pm

**Prezenti:** Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fil-5.35pm)
**Skuzat:** It-Tabib John Zammit Montebello (imsiefer fuq xogħol)

Peres li la s-Sindku jinsab imsiefer il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. Korrezzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti ta' l-Erbgħa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ppropona li ssir korrezzjoni fil-Minuti sabiex Punt 6 tal-"Minuti" jaqra "li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar" flok "li kien issekondat mill-Kunsillier g. Borg". Il-korrezzjoni għaddiet unanimament. Il-korrezzjoni ġiet iffirmata mill-Viċi-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Il-Minuti ta' l-Erbgħa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 2010, kif emendati, kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mill-Viċi-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**3. Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunisll illi talbet lill-kuntrattur jagħtina stima biex titqiegħed *armco barrier* quddiem *Macey Store* u kien għadha qed tistenna l-kwotazzjoni biex tiġi ordnata. Il-Kunsill innota li jekk il-kuntrattur mhux ser jaqdina l-aħjar li tinfurmaħ li kienet ser tfittex supplier ieħor.

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio.**

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-permess tal-MEPA bin-numru 5942/08 dwar żvilupp fil-post indikat bħala "52/2 Providence Street, Balzan", jidher li ma hemmx bazi fuq xiex noġezzjonaw peres li l-applikant kien informa lill-MEPA li kien hemm żball fl-indirizz meta pprezenta l-applikazzjoni.

   Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikteb lill-MEPA biex tinnota li ladarba l-applikant kien informa lill-MEPA li kien ta indirizz ħazin, il-MEPA kienet fid-dmir li terġa tippublika l-applikazzjoni fil-gazzetta sabiex min kien jixtieq jipprezenta oġġezzjoni seta jagħmel dan.

3. Dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġie infurmat illi l-attivita' ta' tindif li ser tiġi organizata mill-Kunsill ser issir nhar is-Sibt 30 ta' Ottubru 2010. Dwar il-kompetizzjoni għat-tfal ta' l-iskola ma taf xejn. Il-Viċi-Sindku nnota li kien ser ilaqqa' lis-sotto-kumitat Attivitajiet u Manutenzjoni flimkien mal-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio sabiex jiddiskutu din il-materja fis-17 ta' Awwissu 2010 fis-6.00pm.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' laqgħa li saret fis-6 ta' Lulju 2010 mar-rapprezentanti ta' D. Consulta Ltd (mehmuza).

5. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ppropona bħala membri ġodda tas-sotto-kumitat Manutenzjoni u Attivitajiet lis-Sinjuri Mary Fenech u Carmen Deguara.

6. Is-Segretarju Ezekutitv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill disinn li għalih il-Kunsill għandu permess ta' l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex jinżebgħu *parking bays* $45^{o}$ mal-bankina ta' ħdejn il-Kazin San Gabriel fi Triq il-Lunzjata. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jinżebgħu l-*parking bays* skond il-permess imma qabel ma jinżebgħu s-Segretarju Ezekuttiv għandha titlob kjarifika mis-Segretarju tal-Kazin dwar l-entratura l-kbira li qed jgħidu li tintuża bħala garaxx.

7. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi huwa xtara pinna b'tifkira tal-Quddiesa li ħa Fr. Blake Camilleri. Huwa qiegħed il-kont tad-ditta Vascas fuq il-mejda, liema kont kien jammonta għas-somma ta' €40 peres li d-dtta tatu *discount* tajjeb.

8. Il-Kunsill innota li meta kien hemm mistoqsija parlamentari dwar jekk il-Kunsill għandux *green wardens* l-Authorized Officer irrisponda li ma għandiex. Kienet saret mistoqsija għaliex ma għandniex meta Kunsilli oħra fl-istess kumitat konġunt kellhom is-servizz ta' *green wardens* u meta saret talba għal-infurzar minn *green wardens* dawn fil-fatt ġew jagħmlu infurzar. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tikteb lill-Authorized Officer biex jagħtiha kjarifika dwar dan.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li minkejja t-talba tagħha lill-Authorized Officer biex jintbagħatu l-*wardens* biex jinfurzaw fi Triq il-Lunzjata qabel tibda l-quddiesa, biex il-prezenza tagħhom isservi bħala deterrent għal min ikun ser jipparkja ħazin, il-*wardens* marru darbtejn waqt li kienet għaddejja l-quddiesa.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' permessi li nħarġu biex jitqiegħdu ġabbani fil-jiem tal-festa, il-lista ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2010. Kopja tal-lista diġa ntbagħtet lill-Għassa ta' Birkirkara.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjoni mill-OASI għal-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2010 li tagħlaq fl-10 ta' Settembru 2010.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li waslu suġġerimenti li tiġi stallata CCTV *camera* fi Triq l-Imdina biex isir infurzar fuq *dog fouling* u fi Triq il-Kbira biex isir infurzar fuq *speeding* minn vetturi. Il-Kunsill innota li ma tkunx viabbli finanżjarjament peres li hemm ħafna spejjes involuti biex tiġi stallata. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet x'inhi l-pożiżżjoni tal-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' mobile CCTV *camera*. Il-Kunsillier G. Borg qal li huwa laqgħa waħda biss ma attendiex, l-aħħar waħda u qatt ma sema bil-*mobile camera*. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha titlob informazzjoni mill-Kumitat Konġunt sabiex tinforma lill-Kunsill.

13. Is-Segretarju qiegħed fuq il-mejda *email* datata l-5 ta' Lulju 2010 mill-organizaturi tal-Qormi Bread Festival 2010 biex itellaw *banner* fil-pjazza ta' Ħal Balzan bejn it-tieni ġimgħa ta' Awwissu u l-11 ta' Settembru. Il-Kunsill innota li l-*banner* tista titella għal-ġimgħatejn u biss jekk il-Kunsill Lokali Qormi jirreċiproka meta l-Kunsill jkun jrid itella *banner* biex jagħti publiċita' lill-attivita' tiegħu.

**4.** . **Korrispondenza.**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-23 ta' Ġunju 2010 u l-21 ta' Lulju 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tal-21 ta' Lulju 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 644:** L-ittra minn Transport Malta dwar *double yellow lines* fi Triq il-Kbira ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet risposta u kopja tar-risposta ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**Ittra Numru 643:** L-*email* mill-AKL b'risposta għal-kjarifika minn naha tal-Kunsill dwar devoluzjzoni ta' lampi ġiet innutata. Kopja tar-risposta ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**Ittra Numru 641:** Il-permess ta' l-Enemalta biex titqiegħed lampa ġdida fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet ġiet innutata. Peres li l-lampa ma ġietx approvata mal-ħajt li ppropona l-Kunsill is-Segretarju Ezekuttiv għanda tikseb il-permess tas-sidien kkonċernati.

**Ittra Numru 627:** L-ittra ta' Transport Malta dwar *Communal Blue Sticker Badge Holders Parking Bay* fi Triq il-Kbira ġiet innutata.

**Ittra Numru 625:** L-istedina tal-Kappillan għal-attivitajiet li ser jiġu organizati għal-festa ġiet innutata.

**Ittru Numru 624:** L-*email* mill-AKL dwar ħlas aktar li qed titlob l-Enemalta ġiet innutata.

**Ittru Numru 596:** Il-permess ta' Transport Malta għal-U*n/loading and Reserved Parking Bay in Main Street* ġie nnutat. It-tabelli twaħħlu nhar it-Tlieta, 20 ta' Lulju 2010.

**Ittra Numru 595 u 594:** Ir-risposti ta' l-Enemalta għat-talbiet tal-Kunsill biex jitwaħħlu lampi ġodda fi Triq il-Kannizzata u fi Triq il-Bon Pastur ġew innutati. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil-Kunsill illi l-ittri jridu jinbidlu għax l-ittri ma jirreferux għal-pjanti u ritratti li ntbagħatu, għaldaqstant jridu jiġu kkoreguti. L-attenzjoni ta' l-Enemalta nġibdet għal-iżbali u qed nistennew risposti ġodda mingħandhom.

**Ittra Numru 583:** Memo 92/2010 dwar Proċeduri dwar il-Ħatra ta' Viċi-President fuq kull kumitat Reġjonali ġiet innutata.

**Ittra Numru 572:** L-ittra mill-MEPA dwar Avviz ta' Infurzar ġie nnutat.

## 5. Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur April – Ġunju 2010.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur April – Ġunju 2010. Kopja tar-rapport ingħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuz).

Ir-rapport finanzjarju għat-tliett xhur April – Ġunju 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport biex juru li huwa dokument korrett.

## 6. Kommunikazjzoni tas-Sindku.

Il-Kunsillier G. Borg innota li huwa xtaq li titnizzel fil-minuti li ma jaqbilx li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jinbena fuq in-naha ta' Triq Bir Bal imma jinsisti li jinbena fuq in-naha ta' Triq Idmejda. Huwa nnota ukoll li l-Ministru Tonio Borg għamel emfazi li t-triq ma għandiex tintmess peres li l-kaz qiegħed fil-qorti, għaldaqstant għandhom isiru pjanti ġodda.

Il-Viċi-Sindku nnota li d-deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-pjanti approvati mill-MEPA s'issa ma nbidlitx. Huwa nnota li d-deċizjonijiet tal-Kunsill iridu jiġu kkommunikati lis-Segretarju Parlamentari waqt il-laqgħa li ssejħet apposta mhux opinjonijiet individwali.

## 7. Rapport dwar l-ilmenti.

**Ilment Numru 17010056126953**: Talba għat-tqiegħid ta' CCTV camera fi Triq l-Imdina. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ilment Numru 17010039127175**: Talba għat-tqiegħid ta' CCTV camera fi Triq il-Kbira. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ilment Numru 17010038127258**: Ilment dwar l-istat maħmuġ tal-latrina. Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi waslulu ħafna ilmenti dwar il-latrina. Il-Kunsill qabel li joħroġ *default notice* lill-kuntrattur.

Dr. DeGiorgio nnota li lanqas il-knis ma kien qed isir sew u diversi drabi ġibed l-attenzjoni fosthom nhar it-Tnejn li għadda meta fi Triq il-Kbira nnota li l-kennies jiknes it-triq u l-bankina ma jiknisiex. Huwa nnota li kien hemm *hamburger* fuq il-bankina meta għadda l-kennies u din kien għadha hemm sa wara nofsinhar peres li taħ il-benefiċċju tad-dubju filgħodu u stenna sakemm jkun lesta x-xogħol tal-ġurnata.

**Ilment Numru 17010037127617:** Talba għal-infurzar mill-Green wardens fi Triq il-Kbira peres li qed jitqiegħed l-iskart fil-kantuniera ma Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kbira. Infurzar qed isir u ser ikompli jsir permess tal-*green wardens*.

**Ilment Numru 1700908727839:** Talba għal-irranġar ta' bankina fi Triq Patri Guze Delia. Il-Kunsill unanimament approva li l-aħjar mod li ssir il-bankina peres li l-madum huwa antik u ma għadux fil-produzzjoni huwa li l-bankina ssir tal-konkrete bħal ma saret quddiem il-blokka ta' bini l-ġdid u dan sabiex ma jkunx hemm ħafna taħlit ta' materjal differenti fl-istess bankina.

**8. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Knis tat-Toroq.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerti li ntefgħu għal-Knis tat-Toroq (mehmuz). Kopja ta' l-iskeda ta' l-offerti li ntefgħu ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill ser jikkunsidra l-offerti waqt il-laqgħa li jmiss.

**9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-21 ta' Lulju 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €21,262.99 u skeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Ġunju 2010 li tammonta għas-somma ta' €79.00

L-iskeda ta' ħlasijiet u l-iskeda tal-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mil-Viċi-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet u approva l-ħlasijiet ta' Petty Cash li saru. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 11 ta' Awwissu 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data